A.L. 116 ta' l-2005

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti tal-2005 dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikoli 3, 9, 19, 23 u 28 tal-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex:

(a) jiggarantixxu d-dritt ta' aċċess għal informazzjoni dwar l-ambjent miżmuma minn jew għal awtoritajiet pubbliċi u biex jistipulaw il-kundizzjonijiet bażiċi, kif ukoll dawk l-arranġamenti prattiċi, biex dan ikun jista' jseħħ;

(b) jiżguraw li, b'mod awtomatiku, informazzjoni dwar l-ambjent progressivament tinxtered u titqiegħed għad-disposizzjoni tal-pubbliku, u dan biex jiġi żgurat li dik l-informazzjoni tkun disponibbli għal u tixtered fost il-pubbliku kif ukoll li jkun hemm tixrid bl-iktar mod sistematiku possibbli; u

(ċ) iġibu fis-seħħ id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2003/4 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar il-libertà ta' aċċess għal informazzjoni dwar l-ambjent.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal skopijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsiriet.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliema ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"applikant" tfisser kull persuna, sew naturali sew ġuridika li tkun qegħda titlob informazzjoni dwar l-ambjent;

"l-awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u dawk il-korpi jew persuni oħra hekk kif il-Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta, jordna u jistgħu jiġu msemmija korpi jew persuni oħra bħala awtorità kompetenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti;

"awtorità pubblika" tfisser:

(a) il-gvern jew amministrazzjoni pubblika oħra, inklużi korpi konsultattivi pubbliċi, f'livell nazzjonali, reġjonali jew lokali;

(b) kull persuna naturali jew ġuridika li taqdi funzjonijiet amministrattivi pubbliċi taħt il-liġi nazzjonali, inklużi doveri, attivitajiet jew servizzi speċifiċi relatati ma' l-ambjent; u

(ċ) kull persuna naturali jew ġuridika li jkollha funzjonijiet jew responsabilitajiet pubbliċi, jew li tkun tipprovdi servizzi pubbliċi, relatati ma' l-ambjent taħt il-kontroll ta' korp jew ta' persuna msemmija fil-paragrafi (a) jew (b) ta' din it-tifsira:

Iżda din it-tifsira ma tinkludix korpi jew istituzzjonijiet li jkunu qegħdin jaġixxu f'kapaċità ġudizzjarja jew leġislattiva;

"informazzjoni dwar l-ambjent" tfisser kull informazzjoni f'format miktub, viżiv, orali, elettroniku, jew f'kull format materjali ieħor rigward:

(a) l-istat ta' l-elementi ta' l-ambjent, bħall-arja u l-atmosfera, ilma, ħamrija, art, paesaġġ kif ukoll siti naturali li jinkludu artijiet mistagħdra , arei kostali u marini, diversità bioloġika u l-komponenti relativi, li jinkludi organiżmi ġenetikament modifikati, kif ukoll l-interazzjoni bejn dawn l-elementi;

(b) fatturi, bħal ma huma s-sustanzi, enerġija, ħsejjes, radjazzjoni jew skart, u li jinkludu skart radjuattiv, emissjonijiet, skariki kif ukoll kull rilaxx ieħor fl-ambjent, li jolqtu, jew li x'aktarx jolqtu, l-elementi ta' l-ambjent imsemmija fil-paragrafu (a);

(ċ) miżuri (inkluż miżuri amministrattivi), bħal ma huma *policies*, leġislazzjoni, pjanijiet, programmi, pattijiet ambjentali kif ukoll attivitajiet li jolqtu, jew li x'aktarx jolqtu, l-elementi u l-fatturi msemmija fil-paragrafi (a) u (b) kif ukoll miżuri jew attivitajiet li huma maħsubin biex jipproteġu dawk l-elementi;

(d) rapporti fuq l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar l-ambjent;

(e) analiżi u assunzjonijiet dwar *cost-benefit* u dawk oħra ekonomiċi li jittieħdu fil-kuntest tal-miżuri u l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu (ċ); u

(f) l-istat tas-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem, inkluża, fejn ikun il-każ, il-kontaminazzjoni tal-katina ta' l-ikel, il-kundizzjonijiet tal-ħajja tal-bniedem, siti kulturali u strutturi mibnija, kemm il-darba dawn jintlaqtu jew jistgħu jintlaqtu mill-istat ta' l-elementi ta' l-ambjent imsemmija fil-paragrafu (a), jew, permezz ta' dawk l-elementi, minn xi ħaġa minn dawk imsemmija fil-paragrafi (b) u (ċ);

"informazzjoni miżmuma għal awtorità pubblika" tfisser informazzjoni dwar l-ambjent li tkun qegħda fiżikament tinżamm minn persuna naturali jew ġuridika f'isem awtorità pubblika;

"informazzjoni miżmuma minn awtorità pubblika" tfisser informazzjoni dwar l-ambjent li tkun fil-pussess ta' dik l-awtorità pubblika u li tkun inħadmet jew tkun ġiet riċevuta minn dik l-awtorità;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"il-pubbliku" tfisser kull persuna jew persuni naturali jew ġuridiċi, kif ukoll, skond dak provdut fil-leġislazzjoni jew prattiċi nazzjonali, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew gruppi ta' dawk il-persuni.

Talba għal informazzjoni dwar l-ambjent.

3. Applikant jista', mingħajr il-ħtieġa li jiddikjara interess, jitlob lill-awtorità kompetenti, bil-miktub jew bil-posta elettronika, tipprovdilu kull informazzjoni dwar l-ambjent miżmuma minn jew għall-awtorità kompetenti jew għal kull awtorità pubblika oħra.

Aċċess għal informazzjoni dwar l-ambjent b'talba.

4. (1) L-awtorità kompetenti għandha, jekk ikollha għandha dik l-informazzjoni dwar l-ambjent mitluba, tipprovdi lill-applikant dik

l-informazzjoni dwar l-ambjent fi żmien tletin ġurnata minn meta ssirilha dik it-talba.

(2) Jekk minħabba l-volum u l-komplessità ta' l-informazzjoni mitluba, ma jkunx jista' jinżamm il-perjodu hawn qabel imsemmi, dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tletin ġurnata oħra, u l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-applikant b'dik l-estensjoni u r-raġuni li wasslu għaliha fil-perjodu msemmi fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament:

Iżda jekk it-talba tkun magħmula b'mod ġeneriku ħafna, l-awtorità kompetenti għandha, mill-aktar fiss possibbli u fil-perjodu msemmi fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, titlob lill-applikant biex jispeċifika t-talba tiegħu, u jekk ikun il-każ, tipprovdi assistenza lill-applikant.

Informazzjoni dwar l-ambjent miżmuma minn awtoritajiet pubbliċi oħra.

5. Jekk l-awtorità kompetenti ma jkollhiex għandha l-informazzjoni dwar l-ambjent mitluba, hija għandha immedjatament tgħaddi dik it-talba lil dawk l-awtoritajiet pubbliċi li jkollhom dik l-informazzjoni, inkluża informazzjoni miżmuma għal awtorità pubblika bħal dik u, skond il-provvedimenti tar-regolament 4, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi dik l-informazzjoni dwar l-ambjent lill-applikant.

Format ta' l-informazzjoni dwar l-ambjent.

6. (1) Meta applikant jitlob lill-awtorità kompetenti biex tgħaddilu informazzjoni dwar l-ambjent f'xi forma jew *format* partikolari (inkluż bħala kopji), l-awtorità kompetenti għandha tipprovdiha f'dak il-mod, sakemm:

(a) din ma tkunx diġà disponibbli f'xi forma jew *format* ieħor, b'mod partikolari kif provdut fir-regolament 9, li jkun faċilment aċċessibbli għall-applikant; jew

(b) ikun raġonevoli għall-awtorità pubblika li tipprovdi dik l-informazzjoni f'xi forma jew *format* ieħor, f'liema każ għandhom jingħataw ir-raġunijiet għaliex tkun qegħda tiġi provduta f'dik il-forma jew f'dak il-*format*.

(2) Għall-iskop ta' dan ir-regolament, l-awtoritatjiet pubbliċi għandhom jagħmlu dak kollu possibbli biex l-informazzjoni dwar l-ambjent miżmuma minnhom jew għalihom, tkun f'forma jew *format* li jkunu jistgħu jiġu kkupjati faċilment u jkunu aċċessibbli permezz ta' komunikazzjoni kompjuterizzata jew b'xi mezzi elettroniċi oħra.

(3) Ir-raġunijiet għar-rifjut li tingħata informazzjoni sew in parti sew kollha kemm hi fil-forma jew *format* mitlub, għandhom jingħataw lill-applikant fil-perjodu msemmi fis-sub-regolament 4(1).

Rifjut għat-talba għall-informazzjoni dwar l-ambjent.

7. (1) L-awtorità kompetenti għandha, sew f'isimha sew f'isem xi awtorità pubblika oħra, tiċħad li tipprovdi informazzjoni dwar l-ambjent mitluba jekk:

(a) it-talba tkun manifestament bla raġuni;

(b) mingħajr preġudizzju għall-provvedimenti tas-subregolament 4(3), it-talba tkun ġenerika iżżejjed;

(ċ) it-talba tkun dwar materjal li jkun għadu qiegħed jitlesta, jew dokumenti jew *data* mhux kompluti, iżda f'dak il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi l-isem ta' l-awtorità li tkun qegħda tipprepara dak il-materjal u ż-żmien kalkolat bħala li għad fadal biex din titlesta;

(d) it-talba tkun tikkonċerna komunikazzjonijiet interni, tenut kont ta' l-interess pubbliku li jiġi moqdi, jekk dik l-informazzjoni tingħata.

(2) L-awtorità kompetenti tista' wkoll, sew f'isimha sew f'isem awtorità pubblika oħra, tiċħad milli tipprovdi informazzjoni dwar l-ambjent mitluba jekk il-ħruġ ta' dik l-informazzjoni tkun ser tolqot ħażin:

(a) il-konfidenzjalità ta' proċeduri ta' awtoritajiet pubbliċi, meta dik il-konfidenzjalità tkun provduta taħt il-liġi;

(b) ir-relazzjonijiet internazzjonali, id-difiża nazzjonali jew is-sigurezza pubblika;

(ċ) il-kors tal-ġustizzja, il-possibilità li persuna jkollu smiegħ xieraq jew il-possibilità li awtorità pubblika tagħmel inkjesta ta' xorta kriminali jew dixxiplinarja;

(d) il-konfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjali jew industrijali, meta l-liġi nazzjonali jew tal-Kommunjoni tkun tipprovdi għal konfidenzjalità bħal dik biex jiġi protett xi interess ekonomiku leġittimu, inkluż l-interess pubbliku li tinżamm konfidenzjalità dwar l-istatistika u segretezza fuq materji ta' taxxa;

(e) drittijiet ta' proprjetà intelletwali;

(f) il-konfidenzjalità ta' *data* personali u, jew *files* relatati ma' persuna naturali meta dik il-persuna ma tkunx tat il-kunsens tagħha biex dik l-informazzjoni tiġi żvelata fil-pubbliku, f'dawk il-każijiet fejn il-liġi nazzjonali jew tal-Kommunjoni tkun tipprovdi għal dik il-konfidenzjalità;

(ġ) l-interessi jew il-protezzjoni ta' persuna li tkun forniet l-informazzjoni mitluba fuq bażi volontarja mingħajr ma kienet, jew possibilment setgħat titqiegħed, taħt obbligazzjoni legali biex tforni dik l-informazzjoni, kemm il-darba dik il-persuna ma tkunx tat il-kunsens tagħha biex dik l-informazzjoni tiġi rilaxxata;

(ħ) il-protezzjoni ta' l-ambjent li dwaru tkun dik l-informazzjoni, bħal per eżempju fejn ikunu jinsabu xi speċi rari.

(3) Ir-raġunijiet għaċ-ċħid imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv, tenut kont għall-każ partikolari ta' l-interess pubbliku li jiġi moqdi bl-informazzjoni li tingħata. F'kull każ partikolari, l-interess pubbliku moqdi b'dik l-informazzjoni għandu jitkejjel skond l-interess moqdi biċ-ċaħda. L-awtorità kompetenti ma tistax, ab bażi tas-subregolament (2)(a), (d), (f), (g) u (h), tipprovdi biex tinċaħad talba għal informazzjoni relatata ma' emissjonijiet fl-ambjent.

(4) Informazzjoni dwar l-ambjent miżmuma minn jew għal awtoritajiet pubbliċi li tkun intalbet minn applikant, għandha tingħata f'parti fejn ikun possibbli li titneħħa l-informazzjoni msemmija fis-subregolamenti (1)(ċ) u (d) jew fis-subregolament (2) mill-kumplament ta' l-informazzjoni mitluba.

(5) Iċ-ċaħda li tingħata informazzjoni kollha kemm hi jew parti minnha għandha tkun notifikata lill-applikant bil-miktub jew elettronikament, meta t-talba tkun saret bil-miktub jew jekk jitlob hekk l-applikant, fil-perjodu msemmi fir-regolament 4. Dik in-notifika għandha tinkludi r-raġunijiet taċ-ċaħda, kif ukoll informazzjoni dwar il-proċedura ta' reviżjoni.

Hlasijiet.

8. (1) L-aċċess għal kull reġistru jew listi pubbliċi kif ukoll spezzjoni *in situ* ta' l-informazzjoni mitluba għandu jkun mingħajr ħlas.

(2) L-awtorità kompetenti tista' titlob ħlas raġonevoli biex tagħti xi informazzjoni dwar l-ambjent li tiġi mitluba, imma dak il-ħlas ma għandux jeċċedi ammont raġonevoli.

(3) Meta jintalbu dawk il-ħlasijiet, l-awtorità kompetenti għandha tippublika u tipprovdi lill-applikanti bi skeda ta' dawk il-

ħlasijiet kif ukoll informazzjoni fuq dawk iċ-ċirkostanzi meta għandu jsir ħlas jew inkella ma jsirx.

Reġistru pubbliku.

9. (1) L-awtorità kompetenti għandu jkollha w għandha żżomm reġistru pubbliku li jkun fih referenza ta' dik l-informazzjoni dwar l-ambjent li tkun miżmuma minnha jew għaliha jew li tkun miżmuma minn jew għal awtoritajiet pubbliċi oħra.

(2) Kull awtorità pubblika għandha minnufih tavża lill-awtorità kompetenti b'dik l-informazzjoni dwar l-ambejnt kollha miżmuma minnha jew għaliha, u dik l-awtorità pubblika għandha skond struzzjonijiet mogħtija lilha mill-awtorità kompetenti, tiddepożita kopja ta' dik l-informazzjoni dwar l-ambjent għand l-awtorità kompetenti.

Tqassim ta' informazzjoni dwar l-ambjent.

10. (1) L-awtorità kompetenti għandha tieħu dawk il-miżuri neċessarji biex tiżgura li informazzjoni dwar l-ambjent tiġi, b'mod attiv u sistematiku, mxerrda fost il-pubbliku, b'mod partikolari permezz tal-komunikazzjoni kompjuterizzata u, jew ta' xi metodu elettroniku ieħor, fejn dan ikun possibbli.

(2) L-informazzjoni li għandha tkun disponibbli u mxerrda għandha tkun miżmuma aġġornata, u għandha ta' l-inqas tinkludi:

(a) it-testijiet ta' trattati, konvenzjonijiet jew pattijiet internazzjonali, kif ukoll tal-liġijiet tal-Komunità, nazzjonali, reġjonali jew lokali, dwar l-ambjent jew materja relatata miegħu;

(b) *policies*, pjanijiet u programmi relatati ma' l-ambjent;

(ċ) rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni ta' dak imsemmi f'paragrafi (a) u (b), meta dawn ikunu jinżammu f'format elettroniku mill-awtoritajiet pubbliċi;

(d) ir-rapporti dwar l-istat ta' l-ambjent;

(e) *data* jew sommarji ta' *data* li tkun inġabret permezz tal-monitoraġġ ta' attivitajiet li jolqtu jew x'aktarx jolqtu, l-ambjent;

(f) awtorizazzjonijiet li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent jew pattijiet ambjentali, jew referenza għall-post minn fejn dik l-informazzjoni tista tintalab jew tinstab skond il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti;

(ġ) studji dwar l-impatt ambjentali kif ukoll *risk assessments* dwar l-istat ta' elementi ta' l-ambjent, bħall-arja u l-atmosfera, ilma, ħamrija, art, paesaġġ kif ukoll siti naturali li jinkludu artijiet

mistagħdra, arei kostali u marini, diversità bioloġika u l-komponenti tagħha, inklużi organiżmi ġenetikament modifikati, u l-interazzjoni fost dawk l-elementi, jew referenza għall-post minn fejn dik l-informazzjoni tista' tintalab jew tinstab skond il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tieħu dawk il-miżuri neċessarji biex tiżgura illi, f' każ ta' theddida imminenti għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-ambjent, sew jekk din tkun kawża ta' xi attivita tal-bniedem sew jekk minħabba f'xi kawżi naturali, kull informazzjoni miżmuma minn jew għal awtoritaijiet pubbliċi li tkun tista' tgħin biex il-pubbliku li x'aktarx ikun ser jintlaqat jieħu dawk il-miżuri neċessarji u biex jipprevjeni jew inaqqas il-ħsara kaġunata minn dik it-theddida, għandha titqassam immedjatament u mingħajr dewmien.

(4) Il-provvedimenti tar-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* dwar id-dmirijiet imposti b'dan ir-regolament.

Setgħa li jsiru regolamenti mill-awtorità kompetenti.

11. L-awtorità kompetenti tista' tagħmel regolamenti biex tipprovdi għal kull ħaġa li tirrigwarda l-aċċess għal informazzjoni dwar l-ambjent kif provdut f'dawn ir-regolamenti sabiex issaħħaħ l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, u partikolarment, iżda mingħajr preġudizzju għal dak provdut hawn aktar qabel, tista' b'dawk ir-regolamenti tesiġi li kull awtorità pubblika oħra tikkonforma ma':

(a) *data* u metodoloġiji ta' tqassim ta' reġistri pubbliċi; u

(b) formati ta' *data*, strutturi ta' *data*, perjodi ta' żmien ta' tqassim u kull ħtieġa jew ħtiġijiet inċidentali oħra hekk relatati.

Ihassar A.L. 217 ta' l-2001.

12. Ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent, qegħdin b'dan jiġu mħassra.